



Kunsill  
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 7 ta' Meju 2024  
(OR. en)

9399/24

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2024/0103(NLE)

---

ECOFIN 522  
UEM 131  
FIN 397  
CADREFIN 86

#### **ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

---

Suġġett: DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li temenda d-  
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-  
valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Italja

---

## DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

ta' ...

**li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Italja**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jstabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 21(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

---

<sup>1</sup> ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17.

Billi:

- (1) Wara l-preżentazzjoni tal-pjan nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza (“RRP”, recovery and resilience plan) mill-Italja fit-30 ta’ April 2021, il-Kummissjoni pproponiet il-valutazzjoni pożittiva tagħha lill-Kunsill. Fit-13 ta’ Lulju 2021, il-Kunsill approva l-valutazzjoni pożittiva permezz ta’ deċiżjoni ta’ implimentazzjoni (“id-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta’ Lulju 2021”). Id-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta’ Lulju 2021 ġiet emendata fid-19 ta’ Settembru 2023<sup>2</sup> u fit-8 ta’ Diċembru 2023<sup>3</sup>.
- (2) Fl-4 ta’ Marzu 2024, l-Italja għamlet talba motivata lill-Kummissjoni biex tagħmel proposta biex tiġi emendata d-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta’ Lulju 2021 f’konformità mal-Artikolu 21(1) tar-Regolament (UE) 2021/241 għar-raġuni li l-RRP parzjalment ma għadux jista’ jinkiseb minħabba ċirkostanzi oġġettivi. Fuq dik il-bażi, l-Italja ppreżentat RRP emendat.

Emendi bbażati fuq l-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2021/241

- (3) L-emendi tal-RRP ippreżentati mill-Italja minħabba ċirkostanzi oġġettivi jikkonċernaw 24 miżura.

---

<sup>2</sup> Ara d-dokument ST 12259/23 fuq <http://register.consilium.europa.eu>.

<sup>3</sup> Ara d-dokumenti ST 16051/23 u ST 16051/23 ADD 1 fuq <http://register.consilium.europa.eu>.

- (4) L-Italja spjegat li 23 miżura ġew emendati biex jiġu implimentati alternattivi aħjar sabiex tinkiseb l-ambizzjoni oriġinali tal-miżura. Dan jikkonċerna: Investiment 1.8 (Proċeduri ta' reklutaġġ għall-qradi amministrattivi) skont il-komponent 1 tal-missjoni 1, inklużi l-miri M1C1-139 u M1C1-40; ir-Riforma 1.8 (Diġitalizzazzjoni tal-Ġustizzja) skont il-komponent 1 tal-missjoni 1, inkluż l-istadju importanti M1C1-38bis; ir-Riforma 1.9 (Riforma tal-amministrazzjoni pubblika) skont il-komponent 1 tal-missjoni 1; inkluż l-istadju importanti M1C1-59ter; ir-Riforma 1.10 (Riforma tal-qafas leġislattiv tal-akkwist pubbliku) skont il-komponent 1 tal-missjoni 1, inkluża l-mira M1C1-86; ir-Riforma 1.15 (Riforma tar-regoli tal-kontabilità pubblika) skont il-komponent 1 tal-missjoni 1, inklużi l-istadji importanti M1C1-117 u M1C1-118; ir-Riforma 1.12 (Riforma tal-amministrazzjoni tat-taxxa) skont il-komponent 1 tal-missjoni 1, inklużi l-miri M1C1-113 u M1C1-114; l-Investment 1.1 (Djar għas-Saħħa tal-Komunità biex tittejjeb l-assistenza territorjali għas-saħħa) skont il-komponent 1 tal-missjoni 6, inkluża l-mira M6C1-3; l-Investment 1.1 (Infrastruttura diġitali) skont il-komponent 1 tal-missjoni 1, inklużi l-miri M1C1-17 u M1C1-26; ir-Riforma 1.9.1 (Riforma biex titħaffef l-implimentazzjoni tal-politika ta' koeżjoni) skont il-komponent 1 tal-missjoni 1; ir-Riforma 1.11 (Tnaqqis ta' ħlasijiet tard mill-amministrazzjonijiet pubbliċi u l-awtoritajiet tas-saħħa) skont il-komponent 1 tal-missjoni 1, inklużi l-istadji importanti M1C1-72ter u M1C1-72quinqies; ir-Riforma 3 (Razzjonalizzazzjoni u simplifikazzjoni tal-inċentivi tal-kumpaniji) skont il-komponent 2 tal-missjoni 1, inkluż l-istadju importanti M1C12-14ter; ir-Riforma 1.2 (Programm Nazzjonali ta' Ġestjoni tal-Iskart) skont il-komponent 1 tal-missjoni 2, inklużi l-miri M2C1-15, M2C1-15bis, M2C1-16 u M2C1-16bis; l-Investment 1.1 (Implimentazzjoni ta' impjanti ġodda għall-ġestjoni tal-iskart u modernizzazzjoni ta' impjanti eżistenti) skont il-komponent 1 tal-missjoni 2, inklużi l-miri M2C1-15ter u M2C1-16ter;

l-Investment 1.4 (Żvilupp tal-bijometan, skont il-kriterji għall-promozzjoni tal-ekonomija ċirkolari) skont il-komponent 2 tal-missjoni 2, inkluża l-mira M2C2-4; l-Investment 4.4.3 (Flotta ta' tiġdid għall-kmand nazzjonali tal-brigata tat-tifi tan-nar) skont il-komponent 2 tal-missjoni 2, inkluża l-mira M2C2-36; l-Investment 2.1 (Miżuri għat-tnaqqis tar-riskju tal-għargħar u idroġeoloġiku) skont il-komponent 4 tal-missjoni 2, inklużi l-istadji M2C4-11 u M2C4-11 ter u l-mira M2C4-13; l-Investment 4.2 (Żvilupp ta' sistemi ta' trasport tal-massa rapida (metro, streetcar, BRT)) skont il-komponent 2 tal-missjoni 2; l-Investment 4.1 (Investimenti fl-infrastruttura primarja tal-ilma għas-sigurtà tal-provvista tal-ilma) skont il-komponent 4 tal-missjoni 2, inklużi l-istadji importanti M2C4-28, M2C428bis u l-mira M2C4-29; l-Investment 4.2. (Tnaqqis tat-telf fin-networks tad-distribuzzjoni tal-ilma, inklużi d-diġitalizzazzjoni u l-monitoraġġ tan-networks) skont il-komponent 4 tal-missjoni 2, inkluż l-istadju importanti M2C4-30; l-Investment 4.3 (Investimenti fir-reżiljenza tal-agrosistema tal-irrigazzjoni għal ġestjoni aħjar tar-riżorsi tal-ilma) skont il-komponent 4 tal-missjoni 2, inkluż l-istadju importanti M2C4-33; l-Investment 11 (Espansjoni: Tisħiħ tal-flotta ferrovjarja reġjonali tat-trasport pubbliku b'ferroviji b'emissjonijiet zero u b'servizz universali) skont il-missjoni 7, inkluż l-istadju importanti M7-31; l-Investment 12 (Skema ta' għotjiet għall-iżvilupp ta' tmexxija internazzjonali, industrijali u tar-R&Ż fil-karozzi tal-linja elettriċi) skont il-missjoni 7, inklużi l-istadju M7-32, il-mira M7-33 u l-istadju M7-34; u l-Investment 15 (Transizione 5.0) skont il-missjoni 7. Fuq din il-bażi, l-Italja talbet li l-miżuri msemmija hawn fuq, inklużi l-istadji importanti u l-miri rilevanti, jiġu emendati. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.

- (5) L-Italja spjegat li l-Investment 2.2 (Sħubijiet fir-riċerka u l-innovazzjoni – Orizzont Ewropa) skont il-komponent 2 tal-missjoni 4, inkluża l-mira M4C2-2, ma għadux jista' jintlaħaq affattu, peress li żviluppi fis-suq irriżultaw f' domanda insuffiċjenti. Fuq din il-bażi, l-Italja talbet li l-miżura titneħħa fl-intier tagħha. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.
- (6) L-Italja talbet ukoll biex tuża r-riżorsi magħmula disponibbli mit-tneħħija tal-Investment 2.2 (Sħubijiet fir-riċerka u l-innovazzjoni - Orizzont Ewropa) skont il-komponent 2 tal-missjoni 4 skont l-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2021/241 biex tinkludi miżura ġdida u żżid il-livell ta' implimentazzjoni meħtieġa ta' miżura eżistenti. Dan jikkonċerna rispettivament: il-mira M4C2-2bis skont l-Investment 2.2 (Ftehimiet dwar l-innovazzjoni) skont il-komponent 2 tal-missjoni 4 u l-istadju M1C1-38bis skont ir-Riforma 1.8 (Diġitalizzazzjoni tal-Ġustizzja) skont il-komponent 1 tal-missjoni 1. Fuq din il-bażi, l-Italja talbet li tiżdied il-mira M4C2-2bis u l-Investment 2.2 (Ftehimiet dwar l-innovazzjoni) skont il-komponent 2 tal-missjoni 4. Barra minn hekk, l-Italja talbet li jiżdied l-istadju importanti M1C1-38bis sabiex jiżdied il-livell ta' implimentazzjoni meħtieġa tar-Riforma 1.8 (Diġitalizzazzjoni tal-ġustizzja) skont il-komponent 1 tal-missjoni 1. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.
- (7) Il-Kummissjoni tqis li r-raġunijiet ippreżentati mill-Italja jiġġustifikaw l-emendi skont l-Artikolu 21(2) tar-Regolament (UE) 2021/241. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.

## Korrezzjonijiet ta' żbalji klerikali

- (8) Ġew identifikati 55 żball klerikali fit-test tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021, li jaffettwaw 52 stadju importanti u mira u 40 miżura skont 14-il komponent. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata biex jiġu kkoreġuti dawk l-iżbalji klerikali, li ma jirriflettux il-kontenut tal-RRP ippreżentat lill-Kummissjoni fit-30 ta' April 2021 u emendat fid-19 ta' Settembru 2023 u fit-8 ta' Diċembru 2023, kif miġfiehem bejn il-Kummissjoni u l-Italja. Dawk l-iżbalji klerikali huma relatati ma': M1C1-37bis u M1C1-45 skont ir-Riforma 1.4 (Riforma tal-ġustizzja ċivili) skont il-komponent 1 tal-missjoni 1; M1C1-46 skont ir-Riforma 1.5 (Riforma tal-ġustizzja kriminali) skont il-komponent 1 tal-missjoni 1; M1C1-120 skont ir-Riforma 1.14 (Riforma tal-qafas fiskali subnazzjonali) skont il-komponent 1 tal-missjoni 1; M1C1-14 u M1C1-16 skont l-Investment 1.6.5 (Diġitalizzazzjoni tal-Kunsill tal-Istat) skont il-komponent 1 tal-missjoni 1; M1C1-140 skont l-Investment 1.4.1 (Esperjenza taċ-ċittadini - Titjib tal-kwalità u l-użabbiltà tas-servizzi pubbliċi diġitali) skont il-komponent 1 tal-missjoni 1; M1C2-32 skont l-Investment 7 (Appoġġ għas-sistema ta' produzzjoni għat-tranżizzjoni ekoloġika, teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti, u l-kompetittività u r-reżiljenza tal-ktajjen tal-provvista strateġiċi) skont il-komponent 2 tal-missjoni 1; M2C1-22, M2C1-23, M2C1-24 u M2C1-25 skont l-Investment 3.4 (Fondo Rotativo Contratti di Filiera (FCF) għall-appoġġ ta' kuntratti ta' ktajjen tal-provvista għas-setturi agroalimentari, tas-sajd u tal-akkwakultura, tal-forestrija, tal-florikultura u tal-mixtliet tal-pjanti) skont il-komponent 1 tal-missjoni 2;

M2C2-22 u M2C2-23 skont l-Investment 4.1 (Investiment fil-mobbiltà mhux motorizzata (Pjan Nazzjonali ta' Passaġġ għaċ-Ċiklisti)) skont il-komponent 2 tal-missjoni 2; M2C2-35bis skont l-Investment 4.4.2 (Tisħiħ tal-flotta ferrovjarja reġjonali tat-trasport pubbliku b'ferroviji b'emissjonijiet żero u b'servizz universali) skont il-komponent 2 tal-missjoni 2; M2C2-40 skont l-Investment 5.1.1 (Żvilupp ta' tmexxija internazzjonali, industrijali u ta' riċerka u żvilupp fl-enerġija rinnovabbli u l-batteriji) skont il-komponent 2 tal-missjoni 2; M2C4-20 skont l-Investment 3.1 (Protezzjoni u titjib tal-foresti urbani u periurbani) skont il-komponent 4 tal-missjoni 2; M2C4-36 u M2C4-37 skont l-Investment 4.4 (Investimenti fid-drenaġġ u l-purifikazzjoni) skont il-komponent 4 tal-missjoni 2; M3C1-6 skont l-Investment 1.1 (Konnessjonijiet ferrovjarji b'veloċità għolja lejn in-Nofsinhar għall-passiġġieri u l-merkanzija) skont il-komponent 1 tal-missjoni 3; M3C1-9 skont l-Investment 1.2 (Linji b'veloċità għolja fit-Tramuntana konnessi mal-bqija tal-Ewropa) skont il-komponent 1 tal-missjoni 3; M3C1-14 skont l-Investment 1.4 (Introduzzjoni tas-Sistema Ewropea tal-Ġestjoni tat-Trasport Ferrovjarju (ERTMS, European Rail Transport Management System)) skont il-komponent 1 tal-missjoni 3; M3C1-17 u M3C1-17bis skont l-Investment 1.7 (Titjib, elettrifikazzjoni u reżiljenza tal-ferroviji fin-Nofsinhar) skont il-komponent 1 tal-missjoni 3; M3C2-6 skont l-Investment 2.2 (Diġitalizzazzjoni tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru) skont il-komponent 2 tal-missjoni 3; M3C2-12 skont l-Investment 2.3 (Cold ironing) skont il-komponent 2 tal-missjoni 3; M3C2-9 skont l-Investment 1.1 (Portijiet ekoloġiċi: interventi ta' enerġija rinnovabbli u effiċjenza enerġetika fil-portijiet) skont il-komponent 2 tal-missjoni 3; M4C1-15ter skont ir-Riforma 2.1 (Reklutaġġ tal-għalliema) skont il-komponent 1 tal-missjoni 4; M4C1-23 u M4C1-23bis skont l-Investment 3.4 (Tagħlim u ħiliet universitarji avvanzati) skont il-komponent 1 tal-missjoni 4;

M4C2-14 skont l-Investment 2.3 (Tishiĥ u estensjoni settorjali/territorjali taċ-ċentri tat-trasferiment tat-teknoloġija skont is-segmenti tal-industrija) skont il-komponent 2 tal-missjoni 4; M4C2-8 skont l-Investment 1.3 (Sħubijiet estiżi lil universitajiet, ċentri tar-riċerka, kumpaniji u finanzjament ta' proġetti tar-riċerka bażika) skont il-komponent 2 tal-missjoni 4; M4C2-21 u M4C2-21bis skont l-Investment 3.5 (Finanzjament ta' negozji ġodda) skont il-komponent 2 tal-missjoni 4; M5C2-10 skont l-Investment 3 (L-Ewwel Stazzjonijiet tal-Akkomodazzjoni u l-Posta) skont il-komponent 2 tal-missjoni 5; M5C3-8 u M5C3-9 skont l-Investment 3 (Interventi soċjoedukattivi strutturati għall-għieda kontra l-faqar edukattiv fin-Nofsinhar li jappoġġaw it-Tielet Settur) skont il-komponent 3 tal-missjoni 5; M5C3-13 skont l-Investment 4 (Investimenti infrastrutturali għaż-Żoni Ekonomiċi Speċjali (SEZ, Special Economic Zones)) skont il-komponent 3 tal-missjoni 5; M6C1-8 skont l-Investment 1.2 (Id-dar bħala l-ewwel post ta' kura u t-telemediċina) skont il-komponent 1 tal-missjoni 6; M6C2-6 u M6C2-8 skont l-Investment 1.1 (Aġġornament diġitali tat-tagħmir teknoloġiku tal-isptarijiet) skont il-komponent 2 tal-missjoni 6; M6C2-10bis skont l-Investment 1.2 (Lejn sptar sikur u sostenibbli) skont il-komponent 2 tal-missjoni 6; M6C2-13 skont l-Investment 1.3 (Tishiĥ tal-infrastruttura teknoloġika u tal-għodod għall-ġbir ta' *data*, il-proċessar ta' *data*, l-analiżi tad-*data* u s-simulazzjoni) skont il-komponent 2 tal-missjoni 6; M7-24 skont l-Investment 7 (Grilja tat-trażmissjoni nazzjonali intelliġenti) skont il-missjoni 7; M7-25, M7-26, M7-27 u M7-28 skont l-Investment 10 (Provvista sostenibbli, ċirkolari u sigura ta' materja prima kritika) skont il-missjoni 7; M7-29 skont l-Investment 9 (Miżura ta' espansjoni: Il-provvediment ta' assistenza teknika u t-tishiĥ tal-bini tal-kapaċità għall-implimentazzjoni tal-pjan Taljan għall-irkupru u r-reżiljenza) skont il-missjoni 7; M7-45 skont l-Investment 16 (Appoġġ lill-SMEs għall-awtoproduzzjoni minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli) skont il-missjoni 7; u M7-47 u M7-48 skont l-Investment 17 (Strument finanzjarju għal rinnovazzjonijiet enerġetiċi tal-akkomodazzjoni pubblika u soċjali, u unitajiet domestiċi vulnerabbli u b'introjtu baxx) skont il-missjoni 7.

- (9) Barra minn hekk, dawk l-iżbalji klerikali huma relatati mad-deskrizzjoni tal-miżuri li ġejjin: Investiment 1.7 (Ħiliet diġitali bażiċi) skont il-komponent 1 tal-missjoni 1; ir-Riforma 1.14 (Riforma tal-qafas fiskali subnazzjonali) skont il-komponent 1 tal-missjoni 1; l-Investment 7 (Appoġġ għas-sistema ta' produzzjoni għat-tranżizzjoni ekoloġika, teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti, u l-kompetittività u r-reżiljenza tal-ktajjen tal-provvista strateġiċi) skont il-komponent 2 tal-missjoni 1; l-Investment 3.4 (Fondo Rotativo Contratti di Filiera (FCF) għall-appoġġ ta' kuntratti ta' ktajjen tal-provvista għas-setturi agroalimentari, tas-sajd u tal-akkwakultura, tal-forestrija, tal-florikultura u tal-mixtliet tal-pjanti), skont il-komponent 1 tal-missjoni 2; l-Investment 4.1 (Investiment fil-mobbiltà mhux motorizzata (Pjan Nazzjonali ta' Passaġġ għaċ-Ċiklisti)) skont il-komponent 2 tal-missjoni 2; l-Investment 5.1 (Żvilupp ta' tmexxija internazzjonali, industrijali u ta' riċerka u żvilupp fl-enerġija rinnovabbli u l-batteriji) skont il-komponent 2 tal-missjoni 2; l-Investment 1.1 (Konnessjonijiet ferrovjarji b'veloċità għolja lejn in-Nofsinhar għall-passiġġieri u l-merkanzija) skont il-komponent 1 tal-missjoni 3; Investiment 1.7 (Titjib, elettrifikazzjoni u reżiljenza tal-ferroviji fin-Nofsinhar) skont il-komponent 1 tal-missjoni 3; l-Investment 2.3 (Tisħiħ u estensjoni settorjali/territorjali taċ-ċentri tat-trasferiment tat-teknoloġija skont is-segmenti tal-industrija) skont il-komponent 2 tal-missjoni 4; l-Investment 3 (Interventi soċjoedukattivi strutturati għall-ġlieda kontra l-faqar edukattiv fin-Nofsinhar li jappoġġaw it-Tielet Settur) skont il-komponent 3 tal-missjoni 5; l-Investment 4 (Investimenti infrastrutturali għaż-Żoni Ekonomiċi Speċjali (SEZ, Special Economic Zones)) skont il-komponent 3 tal-missjoni 5; l-Investment 1.1 (Aġġornament diġitali tat-tagħmir teknoloġiku tal-isptarijiet) skont il-komponent 2 tal-missjoni 6; ir-Riforma 5 (Pjan għal ħiliet ġodda – tranżizzjonijiet) skont il-missjoni 7; l-Investment 5 (SA.CO.I.3) skont il-missjoni 7; u l-Investment 17 (Strument finanzjarju għal rinnovazzjonijiet enerġetiċi tal-akkomodazzjoni pubblika u soċjali, u unitajiet domestiċi vulnerabbli u b'introjtu baxx) skont il-missjoni 7. Dawk il-korrezzjonijiet ma jaffettwawx l-implimentazzjoni tal-miżuri kkonċernati.

## Il-valutazzjoni tal-Kummissjoni

- (10) Il-Kummissjoni vvalutat l-RRP emendat skont il-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241.

## Kontribuzzjoni għat-tranżizzjoni ekoloġika inkluża l-bijodiversità

- (11) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (e), u mal-Anness V, il-kriterju 2.5, tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP emendat fih miżuri li jikkontribwixxu fil-biċċa l-kbira (Klassifikazzjoni A) għat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluża l-bijodiversità, jew għall-indirizzar tal-isfidi li jirriżultaw minnha. Il-miżuri li jappoġġaw l-oġettivi klimatiċi jammontaw għal ammont li jirrappreżenta 39,4 % tal-allokazzjoni totali tal-RRP emendat u 75,7 % tal-kostijiet stmati totali tal-miżuri fil-kapitolu REPowerEU kkalkolat f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Anness VI tar-Regolament (UE) 2021/241. F'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP emendat huwa konsistenti mal-informazzjoni inkluża fil-Pjan Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima 2021-2030.
- (12) Il-modifiki tal-kontribuzzjoni għat-tranżizzjoni ekoloġika huma relatati mat-tneħħija tal-miżura tal-Investment 2.2 (Sħubijiet fir-riċerka u l-innovazzjoni – Orizzont Ewropa) skont il-komponent 2 tal-missjoni 4 u tal-korrezzjoni ta' żball klerikali rigward l-ammont li jappoġġa l-oġettivi klimatiċi tal-Investment 17 (Strument finanzjarju għal rinnovazzjonijiet enerġetiċi tal-akkomodazzjoni pubblika u soċjali) skont il-missjoni 7. Dan jinvolti żieda fil-kontribuzzjoni ġenerali għall-mira klimatika tal-RRP u jindirizza t-tneħħija tal-Investment 2.2 (Sħubijiet fir-riċerka u l-innovazzjoni – Orizzont Ewropa) skont il-komponent 2 tal-missjoni 4. Il-kamp ta' applikazzjoni limitat ta' dawk il-modifiki ma jbidilx il-valutazzjoni ġenerali ta' dak il-kriterju.

## Kontribuzzjoni għat-tranżizzjoni diġitali

- (13) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (f), u mal-Anness V, il-kriterju 2.6, tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP emendat fih miżuri li jikkontribwixxu fil-biċċa l-kbira (Klassifikazzjoni A) għat-tranżizzjoni diġitali jew għall-indirizzar tal-isfidi li jirriżultaw minnha. Il-miżuri li jappoġġaw l-oġettivi diġitali jwasslu għal ammont li jirrappreżenta 25,6 % tal-allokkazzjoni totali tal-RRP emendat, ikkalkulat f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Anness VII tar-Regolament (UE) 2021/241.
- (14) Il-modifiki tal-kontribuzzjoni għat-tranżizzjoni diġitali jew li tindirizza l-isfidi li jirriżultaw minnha hija relatata mat-tneħħija tal-Investment 2.2 (Sħubijiet fir-riċerka u l-innovazzjoni – Orizzont Ewropa) skont il-komponent 2 tal-missjoni 4 u biex jiżdied il-livell ta' implimentazzjoni meħtieġa tar-Riforma 1.8 (Diġitalizzazzjoni tal-ġustizzja) skont il-komponent 1 tal-missjoni 1. Iż-żieda fil-livell ta' implimentazzjoni meħtieġa tal-miżura tar-Riforma 1.8 (Diġitalizzazzjoni tal-ġustizzja) skont il-komponent 1 tal-missjoni 1 tindirizza t-tneħħija tal-miżura tal-Investment 2.2 (Sħubijiet fir-riċerka u l-innovazzjoni – Orizzont Ewropa) skont il-komponent 2 tal-missjoni 4. Il-kamp ta' applikazzjoni limitat ta' dawk il-modifiki ma jbidilx il-valutazzjoni ġenerali ta' dak il-kriterju.

## Estimi tal-prezzijiet

- (15) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (i), u l-Anness V, il-kriterju 2.9, tar-Regolament (UE) 2021/241, il-ġustifikazzjoni pprovduta fl-RRP emendat dwar l-ammont tal-kostijiet totali stmati tal-RRP hija sa ċertu punt moderat (Klassifikazzjoni B) raġonevoli u plawżibbli, hija konformi mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u hija proporzjonata mal-impatt ekonomiku u soċjali nazzjonali mistenni.

- (16) Għal miżura ġdida waħda u żewġ miżuri modifikati, l-Italja pprovdiet biżżejjed informazzjoni u evidenza li l-ammont tal-kostijiet totali stmati mhux kopert minn finanzjament eżistenti jew ippjanat tal-Unjoni. Il-modifiki limitati li jinvolvu valutazzjoni tal-kostijiet proposti mill-Italja ma jbiddux il-valutazzjoni preċedenti tal-kostijiet totali stmati tal-RRP modifikat.

Kwalunkwe kriterju ieħor ta' valutazzjoni

- (17) Il-Kummissjoni tqis li l-emendi ppreżentati mill-Italja ma jaffettwawx il-valutazzjoni pożittiva tal-RRP stabbilit fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 rigward ir-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tal-RRP skont il-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3), il-punti (a), (b), (c), (d), (da), (db), (g), (h), (j) u (k), tar-Regolament (UE) 2021/241.

Valutazzjoni pożittiva

- (18) Wara l-valutazzjoni pożittiva mill-Kummissjoni tal-RRP emendat, bis-sejba li l-RRF jikkonforma b'mod sodisfaċenti mal-kriterji għall-valutazzjoni stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/241, f'konformità mal-Artikolu 20(2) u l-Anness V ta' dak ir-Regolament, jenħtieġ li jiġu stabbiliti r-riformi u l-proġetti ta' investiment meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-RRP emendat, l-istadji importanti, il-miri u l-indikaturi rilevanti, u l-ammont li għandu jsir disponibbli mill-Unjoni għall-implimentazzjoni tal-RRP emendat fil-forma ta' appoġġ finanzjarju li ma jitħallasx lura.

## Kontribuzzjonijiet finanzjarji

- (19) Il-kostijiet totali stmati tal-RRP emendat tal-Italja huma ta' EUR 194 415 951 466. Peress li l-ammont tal-kostijiet totali stmati tal-RRP emendat huwa ogħla mill-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata disponibbli għall-Italja, il-kontribuzzjoni finanzjarja totali ddeterminata f'konformità mal-Artikoli 20(4) u 21a(6) tar-Regolament (UE) 2021/241 allokata għall-RRP emendat tal-Italja jenħtieġ li tkun EUR 71 779 623 788.
- (20) L-appoġġ b'self li sar disponibbli għall-Italja, li jammonta għal EUR 122 601 810 400, jibqa' l-istess.
- (21) Għalhekk, id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan. Għal raġunijiet ta' ċarezza, l-Anness ta' dik id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill jenħtieġ li jiġi sostitwit kompletament,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

### *Artikolu 1*

Il-valutazzjoni tal-RRP emendat tal-Italja fuq il-bażi tal-kriterji previsti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241 hija approvata. Ir-riformi u l-proġetti ta' investiment skont l-RRP, l-arranġamenti u l-iskeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-RRP, inkluż l-istadji importanti u l-miri rilevanti u l-istadji importanti u l-miri addizzjonali relatati mal-pagament tas-self, l-indikaturi rilevanti marbuta mal-issodisfar tal-istadji importanti u l-miri previsti, u l-arranġamenti biex il-Kummissjoni tagħti aċċess sħiħ għad-*data* rilevanti sottostanti huma stabbiliti fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

### *Artikolu 2*

L-Anness għad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Italja huwa sostitwit bit-test stipulat fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

### *Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Taljana.

Magħmul fi ..., ...

*Għall-Kunsill*

*Il-President*